MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Numru 517/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Kevin Camilleri**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin Camilleri ta’ 32 sena, iben Nazzareno u Agnes, imwieled l-Amerka, nhar is- 16 ta’ Settembru 1977 u residenti fil-fond ‘Cheyenne’, Triq David Cocco Palmier, Nadur (Ghawdex) u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 521294M fejn gie akkuzat talli fis-7 ta’ Novembru, 2008 ghal habta tal-11.00am f’Triq Guzeppi Cauchi, Ghajnsielem:

1. fil-kapacita` tieghu ta’ persuna li jhaddem, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’

tharis ta’ regolamenti weggghu gravi Manwel Hili u Coronato Mejlaq u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. fl-istess lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta` ta’ l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-artikoli 6(1)(2) ta’ l-att 27/2000 Kap 424.

3. fl-istess lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem naqas li jizgura s-Sahha u s-Sigurta` tal-haddiema f’kull zmien u f’kul aspett il ghandu x’jaqsam max-xoghol u jaghmel arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u naqas ukoll li jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta’ artikoli 4(1)(2) u (3) ta’ l-A.L. 36/03.

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem naqas illi wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriza jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u jevita riskji ghas-sahha u s-sigurta`, jevalwa dawn ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u jikkontrollahom mill-bidu u jadatta x-xoghol ghall-individwu. Naqas ukoll li jevalwa ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta’, fost l-ohrajn ghazla tat-taghmir tax-xoghol, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli u jizgura li jsir titjib fil-livell ta’ protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta` u dan ai termini ta’ artikoli 5(1)(i)(ii)(iii) ta’ l-A.L. 36/03.

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-1 ta’ Dicembru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Kevin Camilleri hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu jhallas multa ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000), liema multa ghandha tithallas fi zmien tlett snin mid-data tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Kevin Camilleri minnu prezentat fil-15 ta’ Dicembru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati taht l-ewwel akkuza tar-reat komminat fl-Artikolu 226(1)(a), u cioe` tar-reat li huwa kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta’ Coronato Meilak u Emanuel Hili b’dan l l-feriti wasslu ghall-konsegwenza msemmija fl-artikolu 218 tal-Kap. 9, u minflok tilliberah kompletament minn din l-akkuza, jew, fl-aghar ipotezi ghall-esponenti, ssibu hati biss tar-reat taht l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap.9, u fi kwalunkwe kaz, kemm minhabba l-ewwel aggravju kif ukoll, in linja sussidjarja, indipendentement mill-istess aggravju, temendaha fir-rigward tal-piena, billi minflok l-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, timponi fuqu dik il-piena iktar miti li din l-istess Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz.

**4.** Semghet lil Emanuel Hili u lil Coronato Meilak, u lill-partijiet jittrattaw l-appell, fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2012;

**5.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fis-7 ta’ Dicembru 2008 kkollossa hajt f’Ghajnsielem fuq il-post fejn kien qieghed isir xoghol ta’ kostruzzjoni a karigu tal-imputat kif inkarigat mis-sid John Camilleri. Ix-xoghol kien qieghed isir minghajr armar adegwat li jista’ joffri protezzjoni ghal min ikun qieghed jahdem. Fl-incident korrew Emanuel Hili u Coronato Mejlak.

**7.** L-aggravji tal-appellant Kevin Camilleri huma sostanzjalment is-segwenti:

1. l-ewwel Qorti ma kellhiex issib htija taht l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 u kellha tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjon jew se mai l-ewwel Qorti kellha ssib lill-appellant hati biss taht l-artikolu 226(1)(b) peress li ebda wahda mic-cirkostanzi previsti fil-paragrafi (a) sa (c) tal-artikolu 218 ma giet pruvata;

2. fi kwalunkwe kaz il-piena pekunjarja nflitta kienet wahda gravuza wisq meta wiehed jikkunsidra c-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat:

**8.** Dwar **<u>l-ewwel aggravju</u>** l-appellanti ghandhom ragun.

**9.** Dr. Ian Galea xehed li meta ezamina lil Kurun Meilak sab li kellu tbengil u brix f'geddumu, fil-polz u f'idu tal-lemin kif ukoll grif ma' sidru u siequ n-naha tax-xellug. Sab ukoll li Meilak kellu ksur fil-kustilja n-naha tal-lemin. Huwa ccertifika l-griehi bhala gravi *per durata*. Dr Galea ezamina wkoll lil Emanuel Hili u sab li dan kien dizorjentat u kien hemm evidenza ta' gerha fir-ras. Fic-certifikat rilaxxjat minnu jinghad ukoll li "patient is not in imminent danger of loss of life" ghalkemm fl-istess certifkat jinghad ukoll li "patient is to be kept at Gozo General Hospital for further evaluation".

**10.** Xehed ukoll Dr. Thomas Armatis li minn naha tieghu stqarr li meta ezamina lil Emanuel Hili f'Mater Dei Hospital fejn gie trasferit minn Gozo General Hospital sab li Hili kien fi stat konfuz u kellu fratturi multipli fil-kranju u emoragija madwar u fil-mohh u ccertifika lil Hili bhala li kien fil-periklu li jitlef hajtu u li kien sofra griehi gravi. Ma regax ezaminah aktar tard.

**11.** Inoltre Coronato Meilak xehed li fl-incident huwa wegga idejh u dam xi tlett xhur ma fieq u li issa ma qieghed ibati minn xejn. Emanuel Hili mill-banda l-ohra xehed li wara l-incident ma ftakar xejn izda jaf li dam xi jum mitluf minn sensih u dam bejn 4 u ghaxart ijiem fl-isptar Mater Dei. Jghid li llum fieq.

**12.** Minn dan il-kumpless ta’ provi ebda wahda mill-konsegwenzi elenkati fil-paragrafi (a) sa (c) tas-subartikolu 218 tal-Kodici Kriminali ma tirrizulta u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment ssib lill-appellant hati skont l-artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali li jippostula l-ezistenza ta’ wahda mill-konsegwenzi msemmija. Sa hawnhekk, dan l-aggravju ser ghalhekk jigi milqugh.

**13.** Bdanakollu jirrizulta li l-griehi ta’ Coronato Meilaq kienu gravi *per durata* a tenur tal-artikolu 216(1)(d) waqt li dawk ta’ Emanuel Hili kienu wkoll gravi tal-anqas a tenur tal-artikolu 216(1)(a)(i) u dan fuq l-iskorta tad-depozizzjoni ta’ Dr. Thomas Armatis. Ghalhekk din il-Qorti xorta tikkonstata htija fl-appellant izda skont l-artikolu 226(1)(b) flok skont l-artikolu 226(1)(a).

**14.** In kwantu ghat-**<u>tieni aggravju</u>** dwar il-piena, fid-dawl tal-konkluzjoni premessa dwar l-ewwel aggravju l-Qorti sejra timmitiga l-piena minhabba li l-piena komminata mil-ligi ghal htija skont l-artikolu 226(1)(b) hija anqas mill-piena komminata ghar-reat li tieghu l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati u dan irid necessarjament jigi wkoll rifless fil-piena li tigi inflitta. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-“mahfra” da parti ta’ Coronato Meilaq u Emanuel Hili li esprimew bil-gurament quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 2012 izda l-Qorti taghmilha cara li ma hi ser tiehu in kunsiderazzjoni ebda cirkostanza ohra msemmija mill-appellant peress li din il-Qorti ma tikkunsidrax l-injoranza bhala cirkostanza mitiganti u anqas ma taqbel mal-appellant li donnu jrid jaghti l-impressjoni li l-griehi sofferti mill-vittmi tar-reat kienu ta’ gravita’ minima.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fejn sabet lill-imputat appellant Kevin Camilleri hati ta’ offiza involontarja fuq il-persuna li gabet il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u minflok tiddikjarah hati ta’ offiza involontarja fuq il-persuna minghajr il-konsegwenzi memmija fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u thassar ukoll il-piena inflitta u minflok tikkundanna lill-imputat appellant ghall-hlas ta’

multa ta’ sebat elef u hames mitt ewro (€7500) u tikkonfermha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------